**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**

**IL-ĦADD, 14.8.11: LEJLIET IS-SOLENNITA' TAT-TLUGĦ TA' MARIJA SANTISSIMA FIS-SEMA.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawri.

### VELJA TAL—GĦID TAL-ASSUNTA

Illum il-Ħadd, se ssir bħas-soltu il-Velja tal-Għid tal-Assunta, fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu.
Tibda fit-**8.00p.m.**
Ikun hemm quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex.
Illum id-departement tad-Demm fl-Isptar Generali se jkun miftuh bejn it-8.30a.m. u is-1.00p.m.
Min imur jieħu l-Karta ta' l-Identita'
**IT-TNEJN, 15.8.11: SOLENNITA' TAL-VERĠNI MARIJA MTELLGĦA S-SEMA.**
Illum hija Festa kmandata u għandna l-obbligu li nieħdu sehem fil-quddies.
Il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd.
**IL-ĦADD, 21.8.11: IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**

### JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ (MADRID)

Bejn is-16 u it-23 ta' Awwissu Mons. Isqof Mario Grech se jakkompanja grupp sabieh ta' żgħażagħ biex jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li se jinżamm f'Madrid fi Spanja, li għalih se jkun preżenti wkoll l-Qdusija Tiegħu il-Papa li se jiltaqa' ma' 'l fuq minn miljun żgħżagħ
Minn Malta u Għawdex se jkun hemm fuq 600 żgħażagħ
Nitolbu għalihom biex din l-esperjenza tkun mument ta' tiġdid fil-fidi fil-ħajja tagħhom.

# KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ

Fid-djoċesi ta' Għawdex qed isir Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja miżżewġa.
Dan qed jsir fil-parroċċi kollha ta' Għawdex u huwa mifrux fuq sentejn, b'laqgħat li jsiru bejn Settembru u April.
Il-laqgħat se jkunu mmexxijin minn saċerdot akkompanjat minn koppja miżżewġa u l-laqgħa tkun ipparteċipata anke minn dawn preżenti.
Għalhekk wieħed ma jistax iħalli sa l-aħħar xhur ta' qabel iż-żwieġ biex japplika għall-kors.
Dawk kollha li huma 'steady' fil-mixja tagħhom lejn l-ħajja miżżewġa għandhom jieħdu ħsieb biex jaraw meta se jibdew il-kors tagħhom.
Huwa mportanti ħafna li wieħed ikun attent għall-avviżi li jsiru għal dan il-kors biex wieħed ikun jista' jidħol għalih mill-ewwel.
Dawk il-koppji li huma għarajjes jew li huma 'steady' jridu japplikaw biex jagħmlu dan l-kors.
Għalhekk biex inkunu nistgħu nħejju għal dan il-kors, nitlob lil ***dawk li għandhom il-ħsieb li jiżżewġu minn hawn u sentejn oħra, biex jiġu jinkitbu fl-uffiċċju parrokkjali.***
Dawk li diġa bdew il-kors is-sena l-oħra, għandhom jattendu u m'hemmx għalfejn jimlew il-formula tal-appliazzjoni fl-uffċċju Parrokkali, billi diġa għandna d-dettalji tagħhom.
Il-laqgħat isiru fid-Dar Parrokkjali nhar ta' Sibt fil-għaxija, u l-ħin jiġi adtattat kemm jista jkun li jkun jaqbel għall-koppji tal-għarajjes.
Jekk xi koppja tiddeċiedi li tagħmel il-kors f'parroċċa oħra, qabel tiżżewweġ trid tippreżenta Ċertifikat li tkun għamlet il-kors ta' sentejn.

L-Arċipriet.